**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 106/2015JB

Kawza Numru: 16

**Best Deals International Limited**

***vs***

**John Buhagiar (K.I.: 668259M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-2 ta' Frar 2015 li permezz tieghu, is-Socjeta Attrici talbet illi il-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsa u sebghin euro u sitta u erbghin centezmu (€2,975.46) bilanc ta' somma akbar minnu dovuta ghal merce u servizzi rezi lilu, liema somma huwa baqa' ma hallasx minkejja hafna interpellazzjonijiet. Bl-imghax kummercjali mill-jum tal-ghotja tas-servizzi u il-forniment tal-merce, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-1 ta' Awissu 2014 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-istess avviz;

Ra r-risposta pprezentata nhar is-27 ta' Frar 2015 li permezz taghha l-Konvenut laqa' ghall-azzjoni attrici billi eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut (certament mhux fl-intier tieghu) peress li l-kumpanija attrici kkunsinnat diversi mobbli lill-konvenut li fir-rigward ta' uhud minnhom, kien ghad fadal xi xoghol li kellu jsir u li baqa' ma sarx minkejja li kien inkluz fil-prezz, fil-waqt li uhud mill-mobbli rrizultaw mhux kunsinnati jew ikkunsinnati mhux skont il-kwalita' pattwita jew inkella b'difetti latenti kif kien migjub verbalment a konjizzjoni tal-istess kumpanija attrici u rapprezentanti/impjegati taghha, u b'hekk dak mitlub ghandu jigi michud. Bl-ispejjez kontra il-kumpanija attrici.

Sema' x-xhieda;

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2015 fejn is-socjeta attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-pozizzjoni taghha fir-rigward tal-kap tal-ispejjez;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici talbet il-hlas ta' somma ta' €2,975.46 rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta mill-Konvenut ghal merce u servizzi rezi, liema somma baqa' ma hallasx minkejja li gie interpellat. Qed jintalbu wkoll l-ispejjez inkluz dawk ta' Ittra ufficcjali u ta' mandat kawtelatorju. Min-naha tieghu, il-Konvenut laqa' ghal din it-talba billi qal li l-ammont mhux dovut fl-intier tieghu peress li kien ghad fadal li jsir xi xoghol da parti tas-Socjeta Attrici. Inghad ukoll fir-risposta li xi oggetti ma kienux tal-kwalita pattwita jew kellhom xi difetti ohra;

Illi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu, xehed il-Konvenut (peress li t-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi fis-seduta tal-15 ta' April 2015). Fix-xhieda tieghu, il-Konvenut spjega li kien hemm xi kwistjonijiet peress li oggetti li kien akkwista minghand is-Socjeta Attrici ma gewx installati kif imiss. Jghid li minkejja dan, beda jircievi *statement* ghall-hlas. Jghid li sussegwentement kien hemm skambji ma' rapprezentanti tas-Socjeta Attrici izda minkejja dan ix-xoghol baqa' ma sarx. Meta xehed in kontro-ezami f'Novembru 2015, ix-xhud ikkonferma li x-xogholijiet tlestew fil-mori tal-kawza u esprima ruhu sodisfatt bix-xogholijiet li saru. In kontro-ezami wkoll, il-Konvenut xehed dwar l-iskambji li kien hemm bejnu u bejn is-Socjeta Attrici. Hu jghid li m'ghandux cans joqghod jigri wara n-nies fil-waqt li s-Socjeta Attrici kienet taf li hemm problema tant li marret tispezzjona izda baqa' ma sar xejn;

Illi mill-banda 'l ohra, ir-rapprezentanta tas-Socjeta Attrici Christine Spiteri xehdet bil-procedura tal-affidavit u stqarret li bejn il-partijiet kien hemm ftehim dwar kif kellhom isiru l-pagamenti inkluz li kellu jkun hemm pagament ta' €9,500 mal-kunsinna u iehor mat-tlestija ta' €1,205. Tghid li minflok mal-kunsinna, il-Konvenut hallas anqas. Dan hu anke kkorraborat minn dak li xehed il-Konvenut fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 (a fol 24). Tghid ukoll li gew riskontrati diffikultajiet sabiex immorru jaghmlu xogholijiet. Tghid li l-oggetti li gew ikkonsenjati ma kellhom ebda difett. In kontro-ezami, Spiteri stqarret li kien sar pagament iehor u qalet ukoll li saru reklami godda wara li l-Konvenut kien qanqal l-ilmenti tieghu;

Illi fil-mori tal-kawza l-ammont pretiz thallas kollu u li kwindi l-pretensjoni hija limitata biss ghall-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidra;

Illi fit-trattazzjoni saret riferenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Art. 72 *et seq* tal-Att dwar il-Konsumatur (Kap. 378). Huwa minnu li l-ligi tipprovdi ghal rimedji meta oggetti mibjugha ma jkunux gew kunsinnati kif miftiehem izda tali rimedji ma jistghux ikunu sproporzjonati. Fil-kaz odjern jidher li bi ftit buon sens l-affarijiet trangaw tant li l-Konvenut ghadda l-pagament shih lis-Socjeta Attrici. Mill-banda 'l ohra jidher li kien hemm kumplikazzjonijiet sabiex jigu ffissati l-appuntamenti sabiex isir ix-xoghol rimedjali kif ukoll peress li l-Konvenut ma baqax jinsisti ghalbiex isiru x-xogholijiet minhabba l-impenji tieghu. Naturalment kien ikun ferm ahjar kieku l-kwistjoni giet rizolta qabel ma mmaturat f'kawza;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Partijiet ikkontribwixxew ghal din il-vertenza u ma jkunx gust li xi wahda tigi kkundannata thallas l-ispejjez partikolarment meta tqis li n-natura tal-proceduri

quddiem dan it-Tribunal kif ukoll il-fatt li hawnhekk il-vertenzi ghandhom jigu rizolti primarjament skond l-ekwita;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba fejn jirrigwarda s-sorte, jiddisponi dwar il-kap tal-ispejjez billi jordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*